



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8297/21

CDR 46

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Repubblika
Federali tal-Ġermanja, fil-Komitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**li taħtar membru,
propost mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

- (1) Taħt l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoralali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157¹, biex ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.
- (3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Florian HERRMANN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-gvern Ġermaniż ippropona lis-Sa Melanie HUML, rappreżentanta ta' korp eżekuttiv reġjonali b'mandat elettoralali (*Staatsministerin, Bayerische Staatsregierung*), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiddekorri sal-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 ta' 10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

Artikolu 1

Is-Sa Melanie HUML, rappreżentanta ta' korp eżekuttiv reġjonali b'mandat elettoral i (Staatsministerin, Bayerische Staatsregierung), hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jiddekorri sal-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
